12 ta' Mejju, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Robert Tua, Ph.C.

**Spiżjar — Kummerċjant — Tariffa — Art. 2 para. 3 tal-Kap. 51 — Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 234 ta' l-1952.**

*Spiżjar mhux sempliċi kummerċjant; u l-liġi tagħti lill-Gvernatur il-fakoltà li jagħmel tariffa tad-drittijiet li l-ispiżjari jistgħu jitolbu fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom.*

*Iżda jekk dik it-tariffa ma tkunx saret, u ma tkunx teżisti, l-ispiżjar ma jistax jarbitra u jbiegħ il-mediċinali bi prezz ogħla minn dak fissat mill-awtorità, billi jippretendi li għandu dritt jitlob iżjed bħala dritt professjonali.*

Fuq l-akkuża magħmula mill-Pulizija kontra Robert Tua u Guido Farrugia, talli fil-Belt Valletta, fix-xhar ta' qabel it-taħrika, ripetutament biegħu pilloli (Hydergine) lil Toni Xerri mir-Rabat, bi prezz ogħla minn dak li hu fissat mill-Kontroll, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tat-23 ta' Frar 1953, sabithom ħatjin skond l-akkuża; u, wara li rat ir-regolament 13 (1) u 17 (3) (a) tal-G. N. 234/1952, ikkundannat lil Tua għal multa ta' £5, u ddikjarat il-proċediment eżawrit kontra Guido Farrugia stante li l-Pulizija rtirat l-akkuża kontra dan l-aħħar imsemmi;

L-akkużat Robert Tua appella minn din is-sentenza quddiem din il-Qorti;

Il-Qorti rat l-attijiet tal-kawża ...............;

L-appellant jammetti li, bħala spiżjar inkarigat mill-ispiżerija "St. John's Pharmacy" fil-Belt, f'okkażjoni waħda biegħ lil

ċertu Toni Xerri 25 pillola "Hydergine", fuq riċetta tat-tabib, minn flixkun li fetaħ apposta, bill-prezz ta' 12s 6d., u f'okkażjoni oħra reġa' biegħ lil dak l-istess Toni Xerri l-istess kwantità minn dawk il-pilloli bil-prezz ta' 12s. Il-prezz ta' flixkun pilloli "Hydergine" tal 150 kien £3 għall-konsumatur, kif kien ġie ffissat mill-Kontrollur;

L-appellant isostni li kellu dritt iżomm iżjed minn 10s. għal kull 25 pillola bħala dritt professjonali ta' spiżjar, peress li dawk il-pilloli huma mediċinali u velenu; u verament l-ispiżjar ma huwiex sempliċi kummerċjant, u l-liġi, fl-art. 2 para. 3 tal-Kap. 51 tal-LL., tagħti lill-Gvernatur il-fakoltà li jagħmel tariffa tad-drittijiet li l-ispiżjari jistgħu jitolbu fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom. Iżda, sakemm jirriżulta lill-Qorti, s'issa dik it-tariffa ma saritx; u għalhekk, fl-assenza ta' dik it-tariffa, l-appellant ma setax jarbitra u jitlob ta' dawk il-pilloli aktar milli ġie ffissat mill-Kontrollur taħt ir-Regolamenti tal-Govt. Notice 234 tal-1952, li tikkostitwixxi liġi speċjali. Il-fatt li l-pilloli huma mediċinali u velenu ma jintitolax lill-appellant iżid fuq il-prezz fissat. Skond iċ-ċertifikat tal-"costing", il-kummerċjanti li setgħu jixtruhom għall-bejgħ kellhom ikunu spiżjari; u dana juri li l-Kontollur kien jaf li kienu oġġetti ta' responsabilità; u dina r-responsabilità, fil-każ in eżami, kien fil-fatt assumiha t-tabib li ħareġ u ta r-riċetta lix-xerrej. Għaldaqstant l-appell ma jistax jiġi sostnut;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell ta' l-imputat u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kap devolut lilha.